**23 ta' Jannar, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri, LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding, B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius, B.A., LL.D.**

Dr.Joseph A.Schembri, LL.D. *noe*

*versus*

Joseph Said

**Proċediment Sommarju Speċjali.**

*Il-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili jikkontempla proċediment sommarju speċjali f'ċerti każijiet fl-art.167 sa 170. Meta l-art.169 jiddisponi li l-konvenut għandu jkun imħarrek fl-ebda każ aktar tard minn jumejn tax-xogħol min-notifika taċ-ċitazzjoni, qed jimponi bħala kundizzjoni sine qua non, għalbiex ikun jista' jiġi segwit il-proċediment sommarju speċjali fuq imsemmi, li l-konvenut jidher quddiem il-Qorti fl-ebda każ aktar tard min-notifika taċ-ċitazzjoni. Il-liġi hija kategorika u ma hemm lok għall-ebda interpretazzjoni.*

*Meta ma ġiex segwit wieħed minn dawn it-termini, l-ewwel Qorti ma setgħetx aktar issegwi l-imsemmi proċediment sommarju speċjali iżda kellha ssegwi proċedura normali, għalbiex il-konvenut jippreżenta l-eċċezzjonijet tiegħu skond il-liġi.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fil-Prim'Awla ta' l-

Onorabbli Qorti Ċivili li bih l-attur *nomine* wara li ppremetta illi l-konvenut kien xtara mingħand is-soċjetà attriċi diversi oġġetti u għad fadallu jagħti lill-attur *nomine* s-somma ta' sebgħa u ħamsin lira Maltija u sittin ċenteżmu (Lm57.60) illi l-konvenut għadu ma ħallasx u illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut, talab li dik il-Qorti (1) tiddeċidi l-kawża *ai termini* ta' l-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u (2) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' sebgħa u ħamsin lira Maltija u sittin ċenteżmu (Lm57.60) kif intqal fuqu għar-raġunijiet fuq premessi, bl-imgħaxijiet mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjes kompriżi dawk ta' l-ittra legali tat-2 ta' Diċembru, 1982, kontra l-konvenut;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili ta' l-4 ta' Frar, 1983 li biha peress li mill-provi hemm imsemmija t-talba ta' l-attur *nomine* rriżultat ġustifikata, fil-kontumaċja tal-konvenut iddeċidiet adesivament għall-istanza billi (1) iddeċidiet il-kawża *ai termini* ta' l-Artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u (2) ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' Lm 57.60 bilanċ dovut għal diversi oġġetti lilu mibjugħa u konsenjati, bl-imgħaxijiet mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjes kompriżi dawk ta' l-ittra legali tat-2 ta' Diċembru, 1982, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fil-11 ta' Frar, 1983;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fit-28 ta' Frar, 1983, li biha, għar-raġunijiet hemm sottomessi, talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tibgħat lura l-atti kollha lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u tawtorizzah jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet sabiex

jikkontesta l-kawża u l-kawża tiegħu l-kors normali tagħha u, sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet ta' l-attur *nomine* bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur *nomine* preżentata fl-4 ta' Marzu, 1983;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Itrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Kif jidher mill-petizzjoni ta' l-appell il-konvenut appellant qiegħed jissolleva pont preliminari fis-sens illi l-ewwel Qorti ma setgħetx tiddeċidi l-kawża *ai termini* ta' l-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi ċ-ċitazzjoni ma ġietx innotifikata lilu fi żmien jumejn utili u hu ġie ordnat li jidher quddiem l-ewwel Qorti iktar tard minn jumejn utili min-notifikat taċ-ċitazzjoni;

Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jikkontempla proċediment sommarju speċjali f'ċerti każijiet fl-Artikoli 167, 168, 169, u 170. L-Artikolu 169 jiddisponi li f'dawn il-każijiet iċ-ċitazzjoni għandha tkun innotifikata lill-konvenut fiż-żmien ta' jumejn tax-xogħol; u huwa jista' jiġi mħarrek biex jidher minn ġurnata għall-oħra u fl-ebda każ aktar tard minn jumejn tax-xogħol min-notifika taċ-ċitazzjoni, jekk ikun joqgħod fl-istess Gżira fejn toqgħod il-Qorti li quddiemha tinġieb il-kawża;

Minn eżami tal-proċess jirriżulta li ċ-ċitazzjoni ġiet iffirmata mill-Onerevoli Mħallef ta' l-ewwel Qorti fit-28 ta' Jannar, 1983, li kienet ġurnata tal-Ġimgħa. Iċ-ċitazzjoni u l-avviż għas-smigħ tal-kawża ġew innotifikati lill-konvenut fil-31 ta' Jannar, 1983 li kienet ġurnata tat-Tnejn, u għalhekk il-konvenut appellant m'għandux raġuni meta jgħid li hu ma ġiex innotifikat biċ-ċitazzjoni fi żmien jumejn utili. Il-konvenut però ġie mħarrek biex jidher quddiem il-Qorti fil-4 ta' Frar, 1983, li kienet ġurnata tal-Ġimgħa iżjed minn jumejn tax-xogħol min-notifika taċ-ċitazzjoni u għalhekk kontrarjament għal dak li jiddisponi l-Artikolu 169 hawn fuq iċċitat billi l-konvenut ġie nnotifikat San Pawl il-baħar, ċjoè fl-istess Gżira fejn toqgħod l-ewwel Qorti. Jidher li f'dan ir-rigward il-konvenut appellant għandu raġun;

Din il-Qorti tirritjeni li meta l-imsemmi Artikolu 169 jiddisponi li l-konvenut għandu jiġi mħarrek **fl-ebda każ** aktar tard minn jumejn tax-xogħol min-notifika taċ-ċitazzjoni, qed jimponi bħala kundizzjoni ***sine qua non***, għalbiex ikun jista' jiġi segwit il-proċediment sommarju speċjali fuq imsemmi, li l-konvenut jidher quddiem il-Qorti fl-ebda każ aktar tard mill-imsemmija jumejn tax-xogħol min-notifika taċ-ċitazzjoni. Il-liġi hija ċara u kategorika u ma hemm lok għall-ebda interpretazzjoni. Kif ingħad fil-kawża Spiteri *vs* Azzopardi, Prim'Awla, 31 ta' Jannar, 1901 (Kollez. Dec. Vol. XVIII-I-19):

"*Trattandosi di Leggi di procedura che hanno per oggetto l'ordine pubblico mediante un convenzionalismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazzione che la letterale, nel senso che dove la legge per produrre certi effetti prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non* ***per equipollens***";

Fil-każ preżenti l-liġi, fl-imsemmi Artkolu 169, imponiet ċerti termini li kellhom jiġu segwiti sabiex ikun hemm il-proċediment sommarju speċjali hemm ikkontemplat. Meta ma ġiex segwit wieħed minn dawn it-termini, l-ewwel Qorti ma setgħatx aktar issegwi l-imsemmi proċediment sommarju speċjali iżda kellha ssegwi l-proċedura normali u tiddifferixxi il-kawża sabiex tagħti żmien, skond il-proċedura normali, għal biex il-konvenut jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu skond il-liġi;

*In vista* tal-konklużżjoni fuq raġġunta, il-Qorti m'għandhiex għalfejn teżamina s-sottomissjonijiet l-oħra f'din il-kawża;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti fuq imsemmija u tibgħat lura l-atti tal-kawża lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond it-termini ta' din is-sentenza. L-ispejjes ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza jibqgħu fiċ-ċirkostanzi bla taxxa bejn il-partjiet.